KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/2023

29 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjediet il-laqgħa

### 07.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

07.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

### 07.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

07.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 4/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

07.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sa. Rita Gatt  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

07.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

07.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 5/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

07.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sur Martin Vella il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

07.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

07.2.7 Il-minuti ta' seduta numru 6/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

07.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius issekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

07.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 07.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

07.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi kienet inzammet laqgha ma' rapprezentanti ta' Grand Harbour Marina b'konnessjoni ma' numru ta' irmiggi li kienu jigu amministrati mill-Kunsill Lokali.

07.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi hekk kif ippjanat, delegazzjoni mill-Kunsill Lokali kienet zaret lill-Belt ta' Pristina gewwa l-Kosovo ghal diskussjonijiet ta' kollaborazzjoni bejn iz-zewg partijiet.

07.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill b’laqgha mal-Ambaxxatrici Maltija ghall-Kosovo li kienet inzammet nhar is-27 t’April 2023.

**7.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

7.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : ‘Tista tabella ‘No right turn’ li hemm fi Triq San Rokku kantuniera ma’ Triq l-Oratorju tigi installata mal-hajr u mhux fuq arblu?’
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ‘Ser inkunu qieghdin naraw illi kemm il-darba ikun possibbli ix-xoghol isir’.

7.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: ‘Hemm xi risposta dwar meta ser titkompla l-installazzjoni ta’ bollards fi Triq San Gorg?’
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ‘Hekk kif diskuss fl-ahhar seduti ghandu jkun hemm indikazzjoni dwar fejn ghandhom jigu installati. Fil-frattemp ser jitkompla t-twahhil ta’ bollards li diga’ huma immarkati’.

**7.5 Approvazzjoni ta’ skedi ta’ hlasijiet**

7.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru04/23) ghall-approvazzjoni.

7.5.2 Fuq proposta tas-San Melanie Agius ssekondata mis-Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). Il-Kunsillier Martiun Vella sahaq illi huwa kien qieghed japprova l-pagamenti kollha ghajr dak tal-kuntrattur tal-knis tat-toroq.

7.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ petty cash mahrug waqt ix-xhur ta’ Marzu 2023.

7.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**7.6 Sejhiet ghall-offerti**

7.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi wahda mill-evalwaturi b’konnessjoni ma’ sejha ghall-offerti ghas-servizzi ta’ accountant kellha kunflitt ta’ interess u ghaldaqstant, qabel jibda’ l-process ta’ evalwar tal-offerti kien jinhtieg illi tinbidel. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Pablo Cachia Belli, eks-kunsillier kellu jinhatar evalwatur minflok il-persuna msemmija.

**7.7 Twegiba ghall-management letter**

7.7.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-*management letter* li kien ircieva l-Kunsill Lokali, flimkien ma’ abbozz ta’ dokument b’risposti ghall-punti li kienu tqajmu

mill-udituri tal-Gvern Centrali. Is-Sur Agius stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall.

7.7.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv qara d-dokument tal-management letter u r-risposti rispettivi ghall-punti li kienu tqajmu, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Martin Vella ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

**7.8 Grawnds Peppi Delceppo**

7.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-perit tal-Kunsill Lokali u l-kuntrattur li kien qieghed jaghmel ix-xoghol fi grawnds Peppi Delceppo, kien sar ezercizzju li permezz tieghu, kienu gew stabbiliti l-ispejjez attwali tal-progett wara li sar kejl u ttiehdu in-kunsiderazzjoni modifiki fil-kuntratt ezistenti. Is-Sur Hall sahaq illi filwaqt li l-kuntratt originali kien jiddetermina stima kumplessiva ta' €328486.15, l-ispiza skont il-kejl propost kienet ta' €332940.71. Wara li gew moghtija dettalji dwar il-modifiki u l-ispejjez rispettivi, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jipprocedi.

**7.9 Rakkomandazzjoni tal-Avukat dwar allegat kunflitt ta' interess.**

7.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif stabbilit f'seduta precedenti, il-Kunsill Lokali, wara rakkomandazzjoni tal-bord mahtur, kien talab lill-avukat tal-Kunsill Lokali jirrakkomanda t-triq il-quddiem fil-kaz tal-allegat kunflitt ta' interess rigwardanti l-contracts manager tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Agius tenna illi l-avukat tal-Kunsill Lokali kien irrakkomanda illi ''jekk il-Kumpanija Yama Yami Ltd. Qatt ma informat lill-Kunsll Lokali fl-istadju tas-sejha u jew waqt li kienet qed tezegwixxi l-kuntratt ta' servizz li hija kienet issottomettiet offerti (bidding) ta' sejhiet ohra in kompetizzjoni mal-Kuntrattur li ressaq l-ilment, is-Sur Sandro Caruana, il-Kunsill lokali ghandu skont l-artiklu 9.3 tal-General Conditions for service contracts version 4.4. (in vigore fi zmien is-sejha) jekk jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet sopracitati kollha, il-kuntratt tal-kumpanija Yama Yami Ltd. Jigi terminat abbazi ta' ksur tar-regolamenti dwar is-sejhiet pubblici''.

7.9.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi fid-dawl tac-cirkostanzi li kellu quddiemu l-Kunsill Lokali, il-kuntratt ta' Yama Yami Ltd. Kellu jigi tterminat b'effett immedjat.

**7.10 Laqgha annwali tal-lokalita'**

7.10.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif stabbilit, kien hemm il-htiega li tinzamm laqgha annwali tal-lokalita'. Gie stabbilit illi l-istess laqgha annwali kellha tinzamm nhar il-Hamis 1 ta' Gunju 2023 fl-4:30p.m. fil-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali.

**7.11 Impjieg ta' skrivan/a fi skala nru 15**

7.11.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi wara li ghalaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet ghal dawk li kienu jirregistraw ma' Jobsplus bhala part 3, irrizulta li kien hemm kandidata wahda li kienet eligibbli mil-lista mibghuta. Is-Sur Agius zied jghid illi l-bord mahtur mill-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibghat ghall-kandidata u wara li ssir interview jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu.

**7.12 Rapporti**

7.12.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie stabbilit illi ghal ragunijiet legali, il-Kunsill Lokali ma setax jilqa talba li saret minn St.George's FC. ( Ghal din il-materja l-Kunsilliera Melanie Agius iddikjarat kunflitt ta' interess u halliet il-kamra tas-seduta)
- Il-Kunsill Lokali kellu jaccettas stima ta €400 bil.-ghan illi jsir irham ma monument li kien hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali, ma kellux jilqa' talba li saret mic-Centru 19 ta' Novembru 1944 sabiex jittella' dramm b'kollaborazzjoni bejn iz-zewg partijiet. ( Ghal din il-materja is-Sindku iddikjara kunflitt ta' interess u halla l-kamra tas-seduta. Il-Vici-Sindku ppresjediet)
- Kien hemm qbil illi kellu jinxtara electric oven minghand l-orhos fost l-istimi migbura.
- Kien hemm qbil illi kellhom jigu ordnati street signs minghand l-orhos offerent fost dawk li kienu baghatu stima.
- Wara li inqrat korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali, kien hemm qbil illi pjanti li kien hemm fi Triq il-Gendus kellhom jigu mizbura.
- Il-Kunsill Lokali qabel ma proposta li kienet waslet minghand il-kumitat ghat-tismija tat-toroq sabiex tissemma triq fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa ghall-eks Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li bin-on-wheel li l-Kunsill Lokali kien alloka ghas-servizz tas-Santwarju CSAF kellha tibqa' tigi provduta sa' tmiem Gunju 2023.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kemm il-darba jigu ccarati xi punti zghar f'maintenance agreement li kien qieghed jigi propost ghall-monument dghajsa tar-rih li kien jinsab f'Bacir Numru 1, il-Kunsill Lokali kellu jaqbel u jiffirma.

7.12.2 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Marzu 2023 u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega l-kontenut tieghu lill-Kunsilliera prezenti. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ghadda dettalji tad-dokument u ddiskuta l-kontenut mal-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sindku u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva d-dokument hekk kfi imressaq.

7.12.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li l-Kunsill Lokali kellu rigward l-attivita' Cospicua Short Play Festival u d-decizjoni tad-diretturi artistiku u logistku li ma jkomplux jipprovdu servizz lill-Kunsill Lokali ta' Bormla. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel mezz sabiex l-attivita' tissokta. Dan kien ifisser illi l-Kunsill Lokali jikri servizz ta' persuna ohra sabiex tkopri r-rwoli msemmija precedentement.

**7.13 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

7.13.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-21:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-1 ta' Gunju 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum l-1 ta' Gunju, 2023

IFFIRMATA

___________________

**Marco Agius**
Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv